**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 25 ta' Gunju 2018**

**Pulizija**

**Spettur Arthur Mercieca**

**Vs**

**Stephen Borg**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Stephen Borg, 35 sena , bin unkown father u Mary Borg, imwieled Pieta' fit-12 ta' Marzu 1978, residenti 25, Costantino Street, Birkirkara u detentur tal-karta ta' l-identita' 155778(M);

Talli nhar it-22 ta' Settembru 2013, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) U akkuzat talli nhar it-22 ta' Settembru 2013, gewwa l-Gzira bejn it-7:40am u 15:30pm ikkommetta serq ta' apparat tas-sound minn gewwa vettura DBM 953 ghad-dannu ta' Concetta O' Brien u jew persuni ohra liema serq ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€239.24) izda kkwalfikat, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta hsara volontarja fuq il-vettura DBM 953 ghad-dannu ta' Concetta O' Brien liema hsara teccedi il-euro 116.47;

3) U akkuzat talli nhar it-22 ta' Settembru 2013, gewwa l-Gzira bejn it-7:40am u 15:30pm ikkommetta serq ta' apparat tas-sound minn gewwa vettura BAA 357 ghad-dannu ta' Jason Dalli u jew persuni ohra liema serq jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€239.24) izda ma jeccedix il-euro 2392.40 u ghalhekk ikkwalfikat, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

4) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta hsara volontarja fuq il-vettura BAA 357 ghad-dannu ta' Jason Dalli liema hsara teccedi il-euro 116.47;

5) U akkuzat talli nhar it-22 ta' Settembru 2013, gewwa l-Gzira bejn it-7:40am u 15:30pm ikkommetta serq ta' apparat tas-sound minn gewwa vettura KBA 567 ghad-dannu ta' Cedric Frederic Moro u jew persuni ohra liema serq jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€239.24) izda ma jeccedix il-euro 2392.40 u ghalhekk ikkwalfikat, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

6) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta hsara volontarja fuq il-vettura KBA 567 ghad-dannu ta' Jason Dalli liema hsara teccedi il-euro 116.47;

7) U akkuzat talli nhar it-22 ta' Settembru 2013, gewwa l-Gzira bejn it-7:40am u 15:30pm ikkommetta serq ta' apparat tas-sound minn gewwa vettura ABX 463 ghad-dannu ta' Joseph Dimech u jew persuni ohra liema serq jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€239.24) izda ma jeccedix il-euro 2392.40 u ghalhekk ikkwalfikat, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

8) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta hsara volontarja fuq il-vettura ABX 463 ghad-dannu ta' Joseph Dimech liema hsara teccedi il-euro 116.47;

9) U aktar talli gewwa dawn il-gzejjer xjentament laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentament, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

10) Finalment Stephen Borg akkuzat talli huwa sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fit-22 ta' Settembru, 2013, saru rapporti lill-Pulizija li f'xi hin bejn is-7.40am u u t-15.30pm sehhu tlitt serqiet minn tlitt vetturi fil-lokalita' tal-Gzira. Aktar tard dak il-lejl, bejn it-22 u t-23 ta' Settembru 2013, f'xi hin bejn it-20.00pm u s-1.45am sehhet serqa ohra minn vettura ohra fil-lokalita' tal-Hamrun. Mill-investigazzjoni tal-Pulizija, is-suspett waqa' fuq l-imputat. Ghalhekk ittiehdet stqarrija tieghu fl-4 ta' Frar 2014, u ftit gimghat wara infethu dawn il-proceduri kontra tieghu.

Mill-provi prodotti jirrizulta li f'serqa minnhom, dik mill-vettura KBA 567, instabu impronti digitali tal-imputat. Dawn gew presentati fl-atti ta' din il-kawza. Din wehidha hija prova diretta tal-presenza tal-imputat fuq ix-xena tad-delitt, minghajr ebda gustifikazzjoni da parti tal-istess imputat. Ghalhekk, fil-konfront ta' din is-serqa, din il-prova wehidha hija bizzejjed biex tinstab htija fl-imputat. Fis-serqiet l-ohra, ma kien hemm ebda prova ohra li torbot lill-imputat. Huwa minnu li l-modus operandi fl-erba' serqiet huwa l-istess, izda dan mhux bizzejjed biex tinstab htija fl-imputat ghas-serqiet kollha. Il-hin li saru dawn is-serqiet huwa hin twil wisq biex wiehed jasal ghall-konkluzjoni li kien l-imputat li wettaq is-serqiet l-ohra. Seta' facilment kien xi hadd iehor li seraq mill-vetturi indikati, u mhux bil-fors l-imputat.

Kwantu ghall-piena, huwa minnu li l-imputat qed iwiegeb ghal erba' serqiet u qed jinstab hati biss ta' serq wiehed minn vettura wahda. Madankollu, l-imputat ghandu fedina penali voluminuza, u ghandu l-addebitu tar-recidiva. Ghalhekk il-Qorti sejra taghti piena li tirrestringi l-liberta' tal-imputat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 49, 50, 289, 261, 263(a), 271(g), 278(1), 278(2), 325 (1)(b) u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti mhix qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', is-seba' u t-tmien akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tiilliberah minnhom;

In oltre din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-hames, is-sitt u l-ghaxar akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha ghal sena prigunerija.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tad-disa' imputazzjoni, dik ta' ricettazzjoni, peress illi din inghatat bhala alternattiva ghall-imputazzjonijiet ta' serq.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**